MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

# (Sede Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2024

Rikors Numru 262/2023 LM

**Antonia Micallef (K.I. numru 0376178(M))**
*('ir-rikorrenti')*

***vs*.**

**L-Avukat tal-Istat**
*('l-intimat')*

**Il-Qorti,**

**1.** Rat ir-rikors kostituzzjonali ppreżentat fit-18 ta' Mejju, 2023, mir-rikorrenti **Antonia Micallef (K.I. numru 0376178(M))** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrenti'] kontra l-intimat **l-Avukat tal-Istat** [minn issa 'l quddiem 'l-intimat Avukat tal-Istat'] li jgħid kif ġej:

*"Tesponi bir-rispett:*

1) *Illi l-esponenti iżżewġet lil Claude Degiorgio fil-15 ta' Lulju 2008 u minn din iż-żwieġ twieled tifel wieħed, u ċioe Miguel Degiorgio Micallef li twieled fit-22 ta' Diċembru 2008.*

2) *Illi ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet tfarrak irrimedjabbilment u l-esponenti istitwiet azzjoni ta' annullament kontra Claude Degiorgio fil-15 ta' Frar 2012 (Rik. Ġur. Nru. 30/2012 AGV).*

3) *L-esponenti intavolat ukoll proċeduri ta' separazzjoni personali kontra Claude Degiorgio fil-15 ta' Mejju 2012 (Rik. Ġur 112/2012 AGV), li eventwalment ġew konvertiti fi proċeduri ta' divorzju, u dan sabiex jiġu regolati wkoll l-aspetti finanzjarji taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet, kif ukoll il-kura u kustodja, aċċess u manteniment relattivi għal binhom minuri li dak iż-żmien kellu ċirka tlett snin u nofs.*

4) *Illi l-proċeduri ta' annullament u ta' separazzjoni ġew konnessi u għalhekk bdew jimxu flimkien. Iż-żewġ proċeduri ġew deċiżi mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' Marzu 2022, u ċioé ċirka għaxar snin wara li ġew intavolati.*

5) *Illi llum -il gurnata iben il-partijiet jirrisjedi ma' missieru Claude Degiorgio peress li r-residenza tal-minuri ġiet fdata lill-istess Claude Degiorgio wara inċident li nqala'* pendente lite *fejn il-minuri kien ħebb għal ommu.*

6) *Illi għalkemm huwa minnu li kull kawża trid tiġi deċiża fid-dawl tal-fattispeċi partikolari tagħha, kawżi li jirrigwardaw il-ħajja personali tal-partijiet u partikolarment kawżi li jirrigwardaw ir-relazzjoni ta' ġenitur ma' uliedu, għandhom jiġu kondotta b'diliġenza speċjali u dan ikkonsidrat l-impatt kbir li dawn il-kawżi għandhom fuq il-ħajja personali, privata u l-familja tal-partijiet involuti fihom.*

7) *Illi kif ser jintwera matul il-kors ta' din il-kawża, il-proċeduri ta' annullament u ta' separazzjoni personali/divorzju intavolati mill-esponenti ħadu żmien irraġonevoli sabiex jiġu konklużi u minħabba dan l-esponenti sofriet danni personali u morali, inkluż minħabba l-impatt li dawn il-proċeduri kellhom fuq ir-relazzjoni tagħha ma' binha u fuq is-saħħa mentali tal-esponenti. Filfatt, minħabba d-dewmien esaġerat ta' dawn il-proċeduri l-esponenti effettivament qatgħet qalba milli tappella kontra s-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u dan peress illi ma kinitx tiflaħ tqatta'*

*aktar żmien il-Qorti, partikolarment ladarba dan kien ikun jeħtieġ li tkompli tiltaqa' mal-ex-raġel tagħha.*

8) *Illi kif ser jirriżulta ampjament f'dawn il-proċeduri id-dewmien fil-kawżi msemmija ma kienx kaġun ta' xi aġir jew nuqqas tal-esponenti, li għalqet l-istadju tal-provi tagħha f'temp ta' ftit snin. Ħafna minn dan id-dewmien huwa filfatt attribwibbli lil Claude Degiorgio, kif jidher l-aktar mid-dewmien tiegħu biex jippreżenta l-affidavit tiegħu stess, dewmien li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) bl-ebda mod ma kkontrollat jew rażnet sabiex tissalvagwardja d-dritt tal-esponenti għal smigħ xieraq.*

9) *Illi għaldaqstant l-esponenti sofriet leżjoni tad-dritt fondamentali tagħha għal smigħ xieraq sanċit permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u d-dritt għall-ħajja privata u familja sanċiti permezz tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Għaldaqstant u fid-dawl tas-suespost l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex*

i. *Tiddikjara illi l-esponenti sofriet leżjoni tad-drittijiet fondamentali tagħha sanċiti permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ġew leżi b'konsegwenza tad-dewmien eżaġerat u irraġonevoli fil-proċeduri ta' annullament bin-numru 30/2012 u l-proċeduri ta' separazzjoni/divorzju bin-numru 112/2012, it-tnejn fl-ismijiet Antonia Degiorgio née Micallef vs Claude Degiorgio;*

ii. *Takkorda rimedju xieraq lill-esponenti għal-leżjoni hekk sofferta minha, inkluż ordni ta' kumpens favur l-esponenti.*

*Bl-ispejjez kollha ta' dawn il-proċeduri kontra l-Avukat tal-Istat."*

**2.** Rat ir-risposta tal-intimat l-**Avukat tal-Istat** ppreżentata fit-30 ta' Ġunju, 2023, fejn wieġeb kif ġej:

"Jesponi bil-qima :

1. *Illi r-rikorrenti għandha, l-ewwel u qabel kollox, iġib prova li tabilħaqq kien hemm dewmien irraġonevoli fil-proċeduri msemmija fir-rikors kostituzzjonali tagħha u ċioé fil-proċeduri tal-annulament bin-numru 30/2012 u l-proċeduri ta' separazzjoni/divorzju bin-numru 112/2012 ;*

2. *Illi għalkemm il-proċeduri ċivili, damu madwar għaxar snin sabiex inqatgħu ma jfissirx b'daqshekk li awtomatikament għandu jinstab li kien hemm dewmien irraġonevoli jew dewmien attribwibbli lill-Istat. Fil-fatt, hija ġurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irraġonevolezza taż-żmien m'għandux jiġi determinat fl-astratt jew minn numru ta' snin li tkun damet għaddejja l-kawża, imma għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun (fn. 1 Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet Francis Theuma vs Avukat Ġenerali deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ġunju 2003) ;*

3. *Illi madankollu jingħad ukoll li ma hemm l-ebda* time limit *li l-Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċedura quddiemha għaliex inkella l-interess tal-ġustizzja jiġu ppreġudikati minħabba għaġġla żejda ;*

4. *Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tqis b'mod serju t-talba tar-rikorrenti taħt l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** jrid jiġi ppruvat li mhux biss il-kawża damet pendenti iżda li tali dewmien kien wieħed kappriċċjuż u maħsub biss sabiex jiżvantaġġjah fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skont il-liġi. Kull każ irid jiġi evalwat fil-kuntest ċirkostanzjali tiegħu u jekk kawża tieħu numru ta' snin sabiex tiġi deċiża dan ma jfissirx awtomatikament li d-dewmien kien b'xi mod jew ieħor irraġonevoli jew kappriċċjuż ;*

5. *Illi bla ħsara għall-premess, anke jekk għall-ġieħ tal-argument biss, din l-Onorabbli Qorti issib li kien hemm dewmien mhux raġonevoli, jaqa' fuq ir-rikorrenti li turi li tassew ġarrbet ħsara minħabba dan l-allegat dewmien ;*

6. *Illi safejn it-talba tar-rikorrenti hija bbażata fuq l-artikoli 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, r-rikorrenti ma elaborat xejn rigward din ix-xilja. Jissokta jingħad li l-esponent qajla jifhem kif il-fattizzi ta' dan il-każ jinkwadraw ruħhom taħt il-jedd għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja kif imħares taħt l-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea**. Ladarba ċ-ċirkostanzi f'dan il-każ eskalaw fi proċeduri ġudizzjarji, u ladarba r-rikorrenti kienet għażla tagħha li tipproċedi b'separazzjoni personali u divorzju kontra Claude Degiorgio, is-sitwazzjoni għalhekk ħarġet 'il barra mill-parametri tal-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea** ;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri ;*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imfissra t-talbiet imressqa mir-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Ottubru, 2023, fejn il-kawża tħallet għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

**3.** Ir-rikorrenti tispjega li hija kienet iżżewġet lil Claude Degiorgo fil-15 ta' Lulju, 2008, u miż-żwieġ tagħhom kellhom tifel li jismu Miguel Degiorgio Micallef, li twieled fit-22 ta' Diċembru, 2008. Sussegwentement dan iż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u hija kienet intavolat azzjoni għall-annullament kontra r-raġel tagħha fil-15 ta' Frar, 2012, Rikors Ġuramentat numru 30/2012AGV quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Hija kienet ukoll istitwiet azzjoni għas-separazzjoni personali tagħha minn ma' żewġha quddiem l-istess Qorti fil-15 ta' Mejju, 2012, Rikors Ġuramentat numru 112/2012AGV, li aktar tard ġew ikkonvertiti fi proċeduri ta' divorzju, sabiex b'hekk jiġu regolati l-aspetti finanzjarji tagħhom u l-kura, kustodja, aċċess u manteniment ta' binhom minuri. Dawn il-proċeduri ġew konnessi u sussegwentement deċiżi minn dik il-Qorti fit-30 ta' Marzu, 2022, jiġifieri madwar għaxar snin wara. Illum il-minuri Miguel Degiorgio kien qed joqgħod ma' missieru wara li seħħ inċidenti *pendente lite,* fejn dan kien ħebb għal ommu. Ir-rikorrenti tikkontendi li għalkemm tassew kull kawża għandha tiġi deċiża fid-dawl tal-fattispeċi partikolari tagħha, dawk li jolqtu l-ħajja personali tal-partijiet, u partikolarment

dawk li jirrigwardaw ir-relazzjoni ta' ġenitur ma' uliedu, għandhom jitmexxew b'diliġenza partikolari minħabba n-natura tagħhom. Issostni li l-proċeduri ta' annullament u ta' separazzjoni personali/divorzju appena msemmija, twalu b'mod irraġonevoli sat-tmiem tagħhom, u dan wassal sabiex hija sofriet danni personali u morali, anki għaliex kellhom konsegwenza fuq ir-relazzjoni tagħha u ta' binha u anki fuq is-saħħa mentali tagħha. Hija sussegwentement kienet iddeċidiet li ma tintavola l-ebda appell mill-imsemmija proċeduri għaliex ma kinitx felħet tagħmel iktar żmien fil-Qorti, fejn hija wkoll kellha taffaċċja lill-*ex* raġel tagħha. Ir-rikorrenti tinsisti li d-dewmien ma kienx ikkawżat minnha, iżda mill-istess *ex* raġel tagħha, saħansitra fejn tawwal sabiex jippreżenta l-*affidavit* tiegħu mingħajr ma ttieħdet azzjoni mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex jiġi mħares id-dritt tagħha għal smigħ xieraq. Tgħid li għalhekk hija sofriet ksur tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq li huwa sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [minn issa 'l quddiem 'il-Konvenzjoni'] u mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'il-Kostituzzjoni'], u anki tad-dritt għall-ħajja privata u għall-familja kif garantiti mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Għalhekk ir-rikorrenti qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li hija sofriet ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni riżultat tad-dewmien eżaġerat u irraġonevoli fil-proċeduri fuq imsemmija, u għaldaqstant titlob il-Qorti sabiex tagħtiha rimedju xieraq anki permezz ta' kumpens u bl-ispejjeż kontra l-intimat Avukat tal-Istat.

**4.** L-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa kif ġej: (a) ir-rikorrenti għandha tipproduċi prova ta' dewmien irraġonevoli fil-proċeduri in kwistjoni; (b) il-fatt li

kien hemm dewmien ma jfissirx li l-Istat għandu jinżamm responsabbli, għaliex l-imsemmi dewmien għandu jiġi kkunsidrat fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ; (ċ) il-Qorti mhijiex marbuta biż-żmien, u fin-nuqqas tiġi ppreġudikata l-ġustizzja minħabba għaġġla bla bżonn; (d) għandu jiġi kkunsidrat mhux biss iż-żmien li damu pendenti l-proċeduri, iżda wkoll li dan kien kapriċċjuż u ntiż sabiex jagħti żvantaġġ fit-tgawdija tad-drittijiet skont il-liġi, filwaqt li kull każ għandu jiġi meqjus skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu; (e) mingħajr preġudizzju, jekk il-Qorti ssib li tassew kien hemm dewmien irraġonevoli, ir-rikorrenti għandha mbagħad turi li hija verament sofriet b'riżultat tiegħu; (f) ir-rikorrenti ma spjegatx l-ilment tagħha fir-rigward tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, fejn saħansitra ġaladarba hija kienet għażlet li tipproċedi b'separazzjoni personali u divorzju kontra r-raġel tagħha, iċ-ċirkostanzi ma baqgħux jinkwadraw ruħhom fil-parametri ta' dan l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni; (g) salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

**5.** Waqt l-udjenza tas-7 ta' Lulju, 2023, il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti sabiex jiġu allegati l-atti tal-proċeduri in kwistjoni. Waqt l-istess udjenza r-rikorrenti esebiet l-*affidavit* tagħha.[1] Fl-imsemmi *affidavit,* ir-rikorrenti **Antonia Micallef** spjegat kif evolviet il-kawża għall-annullament taż-żwieġ tagħha li hija kienet intavolat fil-15 ta' Frar, 2012, proprju xahar wara li xi ħadd midħla fil-qasam tas-saħħa mentali kien qalilha li jekk ir-raġel tagħha Claude Degiorgio kien għamel xi żmien rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli, huwa kellu problemi

[1] *A fol.* 12 tal-proċess.

oħra minbarra dik tax-xorb. Irrilevat li l-medjazzjoni għal separazzjoni bonarja kienet ingħalqet bla suċċess fl-aħħar ta' Jannar tal-2012 wara disa' xhur, u b'hekk hija ma kellha l-ebda għażla għajr li tiftaħ proċeduri kontrih. Spjegat kif hija kienet telqet minn relazzjoni abbużiva, fejn anki fil-Qorti wera li l-affarijiet kellhom ikunu kif ried hu. Iżda saret taf ukoll li huwa kien gidbilha u ngannaha dwar l-istat tas-saħħa mentali tiegħu. Ir-rikorrenti qalet li xahar wara li hija kienet fetħet l-imsemmija proċeduri, kienet ippreżentat l-*affidavit* tagħha u sussegwentement dawk tax-xhieda tagħha. L-Imħallef Noel Cuschieri kien dak iż-żmien jippresjedi l-Qorti, u wara l-ewwel dehra tat-8 ta' Mejju, 2012, huwa kien appunta lill-Avukat Fransina Abela bħala Assistenta Ġudizzjarja. It-tieni dehra fit-3 ta' Ottubru, 2012, kienet quddiem l-Imħallef Robert Mangion, għaliex l-Imħallef Noel Cuschieri ma baqgħax jippresjedi dik il-Qorti, u hija kienet għamlet talba sabiex rappreżentant tal-Isptar Monte Carmeli jitla' jikkonferma jekk kienx hemm *file* mediku ta' żewġha, u jekk iva dan kellu jiġi esebit. Il-Qorti laqgħet it-talba tagħha, u hija ħarrket lid-diriġenti tal-Isptar Monte Carmeli. Fis-seduta sussegwenti tat-22 ta' Novembru, 2012, deher rappreżentant tal-Isptar li tella' miegħu biss id-*discharge summary,* u għalhekk dan obbliga ruħu li jerġa' jitla' u miegħu jġib il-*file* kollu. Minn dak id-dokument hija saret taf li d-dijanjosi kienet ta' *'Anankastic Personality Disorder'.* Ir-rikorrenti kompliet tgħid li fis-6 ta' Diċembru, 2012, huma kienu dehru quddiem l-Assistenta Ġudizzjarja Fransina Abela u dan kien fuq mejda barra l-Awla 22 fil-binja tal-Qorti. Għal dakinhar hija kienet ħarrket bħala xhud lill-Psikjatra John Mifsud, li skont kif qalilha r-raġel tagħha huwa kien mar għandu għal xi sessjonijiet, iżda dan tal-aħħar ma tax il-kunsens tiegħu sabiex jixhed. Ir-rikorrenti qalet li s-seduti quddiem l-Assistenta Ġudizzjarja nżammew b'mod

frekwenti, u hija baqgħet tippreżenta l-*affidavits* tax-xhieda tagħha u tħarrek oħrajn sabiex jixhdu waqt is-seduti. Irrilevat li darbtejn hija kienet telgħet il-Qorti għalxejn meta ma tfaċċa ħadd min-naħa tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jixhed fuq ir-rapporti li hija kienet għamlet mill-2009 'il quddiem. Waqt is-seduta quddiem l-Imħallef Robert Mangion tal-15 ta' Marzu, 2013, ir-rikorrenti qalet li kien deher ir-rappreżentant tal-Isptar Monte Carmeli u esebixxa l-*file* mediku tar-raġel tagħha. Sadanittant hija ħarrket it-tobba msemmija f'dak il-*file,* u fil-15 ta' Ottubru, 2013 l-Imħallef Robert Mangion semagħhom jixhdu waqt is-seduta. Waqt erba' seduti li saru quddiem l-Assistenta Ġudizzjarja, kien xehed in subizzjoni Claude Degiorgio, u sas-seduta tas-17 ta' Novembru, 2015, hija kienet għalqet il-provi tagħha. Stqarret li hija kienet tagħlaq il-provi f'sentejn jew inqas minflok tlieta li kieku l-avukat difensur tar-raġel tagħha ma kinitx ħassret erba' seduti u ma sarux inutilment tliet seduti oħra fejn ma tfaċċawx ix-xhieda. Għal dak li jirrigwarda l-istadju tal-provi tar-raġel tagħha, spjegat li fid-19 ta' Jannar, 2016, l-Imħallef Robert Mangion kien innomina lill-Avukat Kenneth Gulia bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex jiġbor il-provi, u din id-darba s-seduti kienu jsiru fil-binja tal-Qorti tal-Familja fejn kienu jiġu rrekordjati. Iżda s-seduti ma sarux skont il-pjan imfassal għaliex darba minnhom fit-13 ta' Ottubru, 2016, kienet indisposta l-avukata tagħha, u darbtejn oħra fid-19 ta' Frar, 2016, u fit-18 ta' Mejju, 2017, kienet indisposta l-avukata tar-raġel tagħha. Imbagħad waqt l-udjenza tal-24 ta' Mejju, 2016, l-Imħallef Robert Mangion kien akkorda xahar sabiex Claude Degiorgio jippreżenta l-*affidavit* tiegħu, iżda dan baqa' qatt ma sar għajr fil-kawża tas-separazzjoni fl-10 ta' Marzu, 2017. Spjegat li f'Ottubru 2017 kien irtira l-Avukat Kenneth Gulia bl-età u l-Qorti ħatret lill-Avukat Jonathan Spiteri minfloku.

Irrilevat li fl-14 ta’ Novembru, 2017, hekk kif beda l-kontro-eżami tar-raġel tagħha, l-Imħallef Robert Mangion kien ordna sabiex il-kawżi ma jibqgħux jimxu iktar flimkien, u l-Assistent Ġudizzjarju Spiteri kellu jiġbor biss il-provi tal-proċeduri għall-annullament. Ir-rikorrent spjegat kif l-ewwel seduta mal-Avukat Jonathan Spiteri saret fit-12 ta’ Diċembru, 2017, u ta’ warajha fil-15 ta’ Ottubru, 2018, fejn is-seduti l-oħra bejn dawn iż-żewġ dati kienu għal xi raġuni jew oħra tħassru. Fis-seduta tal-1 ta’ Frar, 2018, l-avukat difensur tar-raġel tagħha tellgħet xhud li ma kienx rilevanti u li anki ma kienx fl-elenku tax-xhieda, u għas-seduta tat-22 ta’ Marzu, 2018, ma kellhiex konferma tat-taħrika tax-xhud li kien tħarrek. Is-seduta tat-8 ta’ Mejju, 2018, l-istess avukat difensur ħassritha għaliex kienet bdiet tard. Imbagħad għas-seduta tat-13 ta’ Ġunju, 2018, l-istess avukat kienet impenjata f’seduta oħra, u kienet qalet li x-xhud li ħarrket ma kienx notifikat. Ir-rikorrenti qalet li s-seduta tat-28 ta’ Ġunju, 2018 mbagħad tħassret għaliex ix-xhud ma setax jattendi, u b’hekk ġiet differita għall-15 ta’ Ottubru, 2018. Irrilevat li s-seduta tat-3 ta’ Diċembru, 2018, tħassret ukoll għaliex l-avukat difensur tar-raġel tagħha qalet li x-xhud ma kienx notifikat, u wara l-imsemmija seduta ma setgħux jiġu ffissati oħrajn għaliex l-Imħallef Robert Mangion kien ser jiċċaqlaq għall-Qorti Ċivili fejn kien ser jieħu miegħu lill-Avukat Jonathan Spiteri. B’hekk il-kawża tagħha għall-annullament marret quddiem it-tielet Imħallef li kien l-Imħallef Anthony G. Vella, li fl-ewwel dehra quddiemu ssuġġerixxa li għandu jisma’ ż-żewġ kawżi u jiddeċiedihom ukoll. Ir-rikorrenti kienet aċċettat stante li l-kawża l-oħra għas-separazzjoni kienet ukoll affaċċjat xi diffikultajiet, u hija xtaqet li dawn jinqatgħu mill-aktar fis. L-Imħallef Anthony G. Vella kien sema’ x-xhieda hu, fejn qabel xejn talab lir-raġel tagħha sabiex jindika x-xhieda li kien għad baqagħlu jtella’, fejn essebixxa elenku ta’

erbatax-il xhud. Qalet li saru seba' seduti fejn saru l-kontro-eżamijiet ta' seba' xhieda, u waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2019, l-Imħallef Anthony G. Vella talab lil Claude Degiorgio sabiex jindika l-ismijiet tax-xhieda li kien għad fadal iħarrek. Saru żewġ seduti oħra, u dan kien marbut li jagħlaq il-provi tiegħu sal-24 ta' Marzu, 2020, iżda sussegwentement faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19 fejn ġew differiti ż-żewġ seduti sussegwenti tal-24 ta' Marzu, 2020 u tas-6 ta' Mejju, 2020, u saret seduta fis-16 ta' Ġunju, 2020. L-Imħallef dakinhar staqsa jekk il-kawża 30/12 setgħetx tiġi ttrattata u deċiża qabel l-oħra, iżda Claude Degiorgio permezz ta' nota tat-22 ta' Lulju, 2020, indika li dawn għandhom jibqgħu jinstemgħu flimkien. Imbagħad fit-22 ta' Ottubru, 2020, huwa ressaq l-aħħar xhud tiegħu li kien il-psikoterapista Charles Cassar, li allegatament fl-2006 kien rah u ssuġġerixxa li jieħu l-kura f'Monte Carmeli. Ir-rikorrenti spjegat li l-kontro-eżamijiet tax-xhieda tar-raġel tagħha saru f'erba' seduti quddiem l-Imħallef Anthony G. Vella, u l-aħħar seduta kienet dik tad-19 ta' Mejju, 2021. Fil-frattemp l-istess Imħallef fil-5 ta' Jannar, 2021, ħareġ digriet fejn filwaqt li qal li l-proċeduri kienu ilhom pendenti għal iktar minn ħames snin b'mod preġudizzjali għat-tmexxija tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u anki għall-istess partijiet, ordna li l-kawża kellha tingħalaq sal-aħħar tas-sena kurrenti, u fin-nuqqas kien ser jiddikjara li l-provi kienu magħluqa u jgħaddi għad-deċiżjoni tiegħu. Ir-rikorrenti hawn saħħqet li dan id-digriet kellu jingħata fl-2017. Wara li l-partijiet kienu ppreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom, il-Qorti ma tatx is-sentenza tagħha fl-20 ta' Ottubru, 2021, u minflok baqgħet tisma' x-xhieda fir-rigward tal-minuri, u għalkemm intalab mill-avukat difensur tagħha sabiex tingħata s-sentenza, l-Imħallef iddikjara li s-sentenzi tal-proceduri ta' annullament u dawk ta' separazzjoni ried jagħtihom flimkien. Is-

sentenza ta' annullament ingħatat fit-30 ta' Marzu, 2022, jiġifieri għaxar snin wara li nfetħet il-kawża, fejn l-Imħallef iddeċieda li l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat minħabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju *ai termini* tal-para. (d) tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ġġustifika l-anomalija psikoloġika tar-raġel tagħha mingħajr ma ġie spjegat kif l-Imħallef wasal għall-konklużjonijiet tiegħu. Ir-rikorrenti hawnhekk ikkritikat is-sentenza tal-annullament, u spjegat fejn hija ma kinitx qablet mal-Imħallef Anthony G. Vella fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu. Dwar il-kawża ta' separazzjoni personali, ir-rikorrenti spjegat li hija kienet fetħet il-proċeduri fil-15 ta' Mejju, 2012, meta t-tifel kien għandu tliet snin u nofs. Irrilevat li r-raġel tagħha ma riedx jaqbel għal separazzjoni bonarja, u meta ngħata id-digriet tal-Qorti li bih hija setgħet toħroġ mid-dar matrimonjali, ir-raġel tagħha qalilha li *"lest nagħmel 40 sena niġġielidlek il-Qorti iżda t-tifel ma tiħdux!".* Spjegat li skont id-digriet it-tifel kien iqum għandha u filgħaxija jorqod għand missieru u l għada viċi-versa, u dan għaliex ir-raġel tagħha kien argumenta li hija kienet taħdem u ma riedx li tħalli t-tifel m'ommha. Ir-rikorrenti qalet li l-ewwel dehra quddiem l-Imħallef Abigail Lofaro kienet fis-27 ta' Ġunju, 2012, u fit-tieni dehra laqgħet it-talba tagħha sabiex il-provi li hija kienet qiegħda tressaq fil-kawża tal-annullament jgħoddu wkoll għal dawk il-proċeduri, u sussegwentement il-provi tar-raġel tagħha kellhom jgħoddu bl-istess mod. Waqt l-udjenza quddiem l-Imħallef Abigail Lofaro tat-8 ta' Novembru, 2016, l-avukat difensur tagħha kienet infurmat lill-Imħallef li Claude Degiorgio ma kienx għadu ressaq l-*affidavit* tiegħu, u dan ingħata erba' ġimgħat żmien sabiex jippreżentah. Madankollu qabel l-10 ta' Marzu, 2017, l-*affidavit* tiegħu ma ppreżentahx. Imbagħad lejn l-aħħar ta' dik is-sena, l-Imħallef kienet ġiet infurmata li l-kawżi ta' annullament u ta'

separazzjoni personali ma baqgħux iktar allegati, u b'hekk inħatret l-Assistenta Ġudizzjarju l-Avukat Greta Mifsud Agius sabiex tkompli tisma' l-provi. B'hekk saru żewġ seduti fit-12 ta' April, 2018, u fit-23 ta' Mejju, 2018, b'dana li fit-8 ta' Novembru, 2018, ġie revokat l-inkarigu sabiex sal-aħħar ta' dik is-sena ma sar xejn. Meta mbagħad fi Frar 2019 il-kawża tal-annullament marret quddiem l-Imħallef Anthony G. Vella, il-kawża tas-separazzjoni wkoll għaddiet quddiemu skont is-suġġeriment tiegħu, u l-provi bdew jinstemgħu mill-Imħallef stess. Imbagħad tfaċċat il-pandemija tal-COVID-19, u ġew differiti s-seduti tal-24 ta' Marzu, 2020, u tas-6 ta' Mejju, 2020. Kif diġà kienet irrilevat ir-rikorrenti, fis-16 ta' Ġunju, 2020, l-Imħallef kien issuġġerixxa li l-kawża ta' separazzjoni kellha tiġi ttrattata u deċiża qabel, iżda r-raġel tagħha kien oppona. Imbagħad fil-5 ta' Jannar, 2021, dik il-Qorti tat digriet fejn iddikjarat li l-proċeduri kienu ilhom iktar minn ħames snin pendenti, u dan id-dewmien kien ta' preġudizzju serju għat-tmexxija tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja u għall-partijiet infushom. Kien ġie maqbul li l-Qorti kellha tkellem lit-tifel tagħha fis-27 ta' Mejju, 2021, fejn kellu jkun hemm preżenti l-*guidance teacher,* u s-sentenza kellha tingħata fl-20 ta' Ottubru, 2021, wara li l-partijiet iressqu n-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom. Ir-rikorrenti spjegat kif sadanittant it-tifel kien ħarab mingħandha u mar joqgħod għand missieru, u dan kollu mmanuvrat minn dan tal-aħħar stess fuq medda ta' snin taħt għajnejn il-Qorti tal-Familja, u l-Qorti eventwalment iddeċidiet il-kawża fit-30 ta' Marzu, 2022, fejn irregolat kwistjonijiet li kellhom x'jaqsmu mat-tifel li dak iż-żmien kellu tlettax-il sena. Irrilevat li kien hemm diversi affarijiet fejn hija ma kinitx qablet, iżda ddikjarat li ma felħitx tappella għaliex mentalment ma kinitx kapaċi taffronta aktar snin il-Qorti, u anki għaliex is-sentenza ma kinitx konklussiva meta ordnat lid-Direttorat għall-Ħarsien tat-

Tfal sabiex isegwi lit-tifel u jirrapporta lura lill-Qorti fi żmien sitt xhur. Li kieku appellat, ir-rikorrenti stqarret li llum l-istat tagħha kien ikun għadu dik ta' 'miżżewwġa' għaliex l-appell ċertament ma kienx ikun għadu nqata'.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**6.** Din il-Qorti qiegħda tintalab mir-rikorrenti sabiex tiddikjara li ġew miksura d-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni, bid-dewmien eċċessiv u irraġonevoli li seħħ fil-proċeduri rispettivi fl-ismijiet Antonia Degiorgio née Micallef *vs*. Claude Degiorgio, tar-rikors għall-annullament numru 30/2012, u tar-rikors ta' separazzjoni/divorzju numru 112/2012, u għalhekk tagħtiha rimedju xieraq għal dan il-ksur li hija sofriet, anki permezz ta' kumpens.

**7.** Is-subartikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi kif ġej:

> "(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."

**8.** Id-dritt fundamentali għal smigħ fi żmien xieraq, anki fi proċeduri ta' natura ċivili, huwa sanċit permezz tas-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, li jgħid:

> "(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-

> protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."

**9.** L-intimat Avukat tal-Istat jinsisti li skont il-ġurisprudenza, il-kwistjoni tad-dewmien allegatament irraġonevoli tal-proċeduri, m'għandhiex tiġi deċiża b'mod astratt jew skont in-numru ta' snin li ħadu, iżda għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Dan mhuwiex biss l-insenjament tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem[2], iżda anki tal-Qrati tagħna[3] mogħtija s-setgħa sabiex jiddeċiedu lmenti dwar ksur tad-drittijiet fundamentali kif sanċiti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni, fejn għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni flimkien il-kumplessità tal-każ partikolari, l-imġiba tal-applikant, u dik tal-awtoritajiet kompetenti.

**10.** B'hekk il-Qorti tikkunsidra li sewwa jirrileva l-intimat Avukat tal-Istat, li wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u wara li l-Qorti kkunsidrat dak kollu li qiegħda tirrileva r-rikorrenti fir-rikors tagħha dwar is-seduti li saru u l-andament in ġenerali tal-proċeduri, hija fliet sew l-atti rispettivi tal-imsemmija proċeduri, u tista' tikkonstata dan li ġej.

**<u>Il-proċeduri tal-annullament</u>**

**11.** Għal dak li jirrigwarda l-proċeduri tal-annullament, il-Qorti sabet li kien hemm ta' mill-inqas <u>tlieta u erbgħin udjenza</u> quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) bejn il-<u>15 ta' Frar, 2012</u>, meta ġew intavolati l-imsemmija proċeduri

---

[2] Ara **Kemmache Case**, 03/07/91, **Buchholz Case**, 06/05/81, **B v. Austria** 28/03/90 u **Manzoni Case** deċ. 19/02/91.
[3] Ara **Joseph Gatt et vs Avukat Ġenerali**, Q.Kost. 25/10, 28/02/14; **Żakkarija Calleja vs Avukat Ġenerali**, Q.Kost. 83/13, 15/12/15; **Anton Camilleri vs. Avukat Ġenerali**, Q.Kost. 71/10, 01/02/16 u **Raymond Farrugia et vs l-Avukat Ġenerali et**, Q.Kost. 5/14, 27.05.16.

mir-rikorrenti, u t-30 ta' Marzu, 2022, meta ngħatat is-sentenza ta' dik il-Qorti. Ma jidhirx li fosthom kien hemm xi udjenzi fejn inħela xi żmien, u dan meħud in konsiderazzjoni li l-udjenza tas-26 ta' Frar, 2013, ma setgħetx issir stante li l-Imħallef sedenti kien indispost, u l-udjenza tal-25 ta' Marzu, 2021 ma saritx minħabba li dak iż-żmien kien hemm l-imxija tal-COVID-19. Dan qiegħed jingħad anki fid-dawl tal-fatt li sadanittant meta quddiem dik il-Qorti kien hemm diversi seduti fejn ma sar xejn, dan kien għaliex filfrattemp kien għaddej il-proċess tal-ġbir tal-provi permezz ta' diversi assistenti ġudizzjarji konsekuttivi, b'kollox mhux inqas minn sebgħa u tletin seduta fejn fil-maġġor parti kbira tagħhom dejjem inġabru l-provi tal-partijiet, għajr għas-seduti tat-13 ta' Frar, 2013, tat-18 ta' Frar, 2014, tad-19 ta' Novembru, 2014, tad-19 ta' Frar, 2016, u tat-18 ta' Mejju, 2017, li ġew ikkanċellati mill-avukat difensur ta' Claude Degiorgio, iżda mingħajr ma ġiet reġistrata l-ebda oppożizzjoni min-naħa tar-rikorrenti, dik tal-21 ta' Jannar, 2014, fejn kien hemm theddida ta' bomba u l-avukat difensur ta' Claude Degiorgio kienet impenjata quddiem qorti, dawk tat-23 ta' Mejju, 2013, u tal-21 ta' Ġunju, 2013, fejn ix-xhud ma deherx, is-seduti tat-13 ta' Ottubru, 2016, u tat-3 ta' Novembru, 2016, li tħassru fuq talba tal-avukat difensur tar-rikorrenti, is-seduta tal-1 ta' Frar, 2018 fejn tħarrek xhud li kellu minflok jixhed fil-proċeduri ta' separazzjoni, is-seduta tat-8 ta' Mejju, 2018, li stante li bdiet tard ma setgħetx titkompla, is-seduta tat-23 ta' Mejju, 2018 li ġiet ikkanċellata fuq talba tal-avukat difensur tar-raġel tar-rikorrenti, is-seduta tat-13 ta' Ġunju, 2018, stante li x-xhud ma ġiex notifikat fil-ħin, is-seduta tat-28 ta' Ġunju, 2018, għaliex ix-xhud ma setax jattendi, u s-seduta tat-3 ta' Diċembru, 2018, fejn l-avukat difensur ta' Claude Degiorgio ma kellha l-ebda informazzjoni dwar in-notifika o meno tat-taħrika tax-xhieda. Il-Qorti tikkunsidra li għalkemm huwa

minnu li kien hemm diversi seduti li tħassru min-naħa tal-avukat difensur tar-raġel tar-rikorrenti, kif indikat iktar 'il fuq, dan sar saħansitra mingħajr ma ġiet reġistrata l-ebda oppożizzjoni min-naħa tagħha, anzi fil-maġġoranza tagħhom kien hemm ukoll il-kunsens tal-istess rikorrenti. Barra minn hekk, il-Qorti ma tikkunsidrax li l-imsemmija seduti tħassru kapriċċjożament bil-għan li l-proċeduri tal-annullament jitwalu. Jingħad ukoll li r-rikorrenti ma pprotestatx fl-ebda ħin meta nqalgħu xi ntoppi fil-produzzjoni tax-xhieda tar-raġel tagħha, bħal xhud li tħarrek ħażin jew xhud li ma ġiex notifikat jew li naqas milli jattendi. L-istess jingħad fir-rigward tar-rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija li tħarrek u naqas li jattendi.

**12.** Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll li r-rikorrenti kienet qiegħda ssejjes it-talba għall-annullament fuq erba' mis-subinċiżi tas-subartikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalkemm hija kellha kull dritt li tagħmel dan mingħajr ma tippreġudika d-dritt tagħha ta' smigħ fi żmien raġonevoli, wieħed jifhem li l-provi min-naħa tagħha ma setgħux jonqos li kellhom ikunu pjuttost fit-tul, tant hu hekk li hija damet iktar minn tliet snin sabiex għalqet il-provi tagħha. Iżda xorta waħda tilmenta li d-dewmien kien attribwibbli għan-nuqqas ta' riżorsi allokati lill-qrati mill-Istat, kif kien il-każ fir-rigward tal-eżami tar-raġel tagħha u l-kontro-eżami tagħha li damu tnax-il xahar sabiex jiġu konklużi. Tajjeb li hawnhekk jiġi rilevat li min-naħa tagħha ir-rikorrenti ħadet ħames seduti sabiex tagħlaq il-kontro-eżami ta' żewġha. Ix-xhieda tagħha kienu daqstant numerużi, kif kien juri l-elenku anness mar-rikors ġuramentat tagħha, li fih kienet indikat mhux inqas minn tlieta u ħamsin xhud, li minnhom ittellgħu erbatax-il xhud. Ċertament ir-rikorrenti kellha kull dritt li tagħżel ix-xhieda tagħha, iżda l-għażla kellha l-konsegwenzi inevitabbli u legali tagħha, u mingħajr

dubju dan m'għamlitux fl-għama. L-għażla tax-xhieda tagħha għalhekk tat lok għal diversi kontro-eżamijiet min-naħa tar-raġel tagħha, sabiex b'hekk kważi sal-aħħar tas-sena 2019 kienu għadhom qegħdin isiru l-imsemmija kontro-eżamijiet, kif wara kollox kellu kull dritt li jagħmel. Il-kawża nqatgħet kważi sena u nofs wara, fejn fil-frattemp ir-raġel tagħha kompla jtella' x-xhieda tiegħu, faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19, u nqalgħet kwistjoni serja dwar it-tifel minuri tal-partijiet, li kienet tirrikjedi li l-Imħallef ikellmu personalment flimkien mal-*guidance teacher* tiegħu fis-27 ta' Mejju, 2021, u jitħejja wkoll rapport mingħand id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal.

**13.** Il-Qorti tosserva li għalkemm il-każ li ressqet ir-rikorrenti għall-annullament taż-żwieġ tagħha, ma kienx wieħed kumpless, kif sewwa tirrileva r-rikorrenti, iżda xorta waħda ttawwal għal numru konsiderevoli ta' snin. Iżda meħudin in konsiderazzjoni t-talbiet u l-każ kif ġew ippreżentati mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), u l-assjem ta' dak kollu li seħħ waqt is-smigħ tal-proċeduri ta' annullament taż-żwieġ tar-rikorrenti, ma jistax jingħad li kien hemm xi delungar irraġonevoli li hija tista' tilmenta dwaru allegatament kaġun tal-aġir jew nuqqas tar-raġel tagħha, li skont kif tallega r-rikorrenti ma sab l-ebda rażan min-naħa tal-Qorti kompetenti. Hija tilmenta li meta lejn l-aħħar ir-raġel tagħha ppreżenta nota fejn wera x-xewqa li l-proċeduri għall-annullament u dawk għas-separazzjoni kellhom jibqgħu jinstemgħu flimkien, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) kellha tikkunsidra li l-ewwel proċeduri kienu ilhom pendenti tmien snin, u l-provi kienu jolqtu l-kawża għas-separazzjoni. Iżda l-Qorti tagħraf li minkejja l-ordni li ngħatat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) waqt l-udjenza tad-19 ta' Frar, 2015, sabiex wara s-seduta tat-12 ta' Marzu, 2015, jitressqu dawk il-provi relatati ma' dik il-kawża, kienet ir-rikorrenti stess li

ressqet provi li ma kellhom xejn x'jaqsmu mat-talbiet tagħha għall-annullament taż-żwieġ. Dawn ix-xhieda saħansitra ma kienux indikati fl-elenku tax-xhieda anness mar-rikors promotur, iżda kienu rilevanti biss għall-proċeduri tas-separazzjoni. Ir-rikorrenti tgħid fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, li l-proċeduri tmexxew flimkien fuq l-insistenza tar-raġel tagħha, iżda l-Qorti ma ssibx ħjiel ta' dan fl-atti relattivi, u lanqas tal-allegata insistenza tiegħu wara l-ordni li ngħatat minn dik il-Qorti waqt l-udjenza tal-14 ta' Novembru, 2017, għall-ħatra ta' assistent ġudizzjarju separat għall-kawża ta' separazzjoni. Għal dak li jirrigwarda l-fatt li l-kwistjoni reġgħet qamet waqt l-udjenza tas-7 ta' Frar, 2019, hawnhekk ukoll il-Qorti ma ssib xejn fil-verbal relattiv, fejn saħansitra hemm indikat li kienet il-Qorti stess li ssuġġeriet li l-kawżi jibqgħu konnessi sabiex jinqatgħu flimkien. Tirrileva wkoll li ma jidhirx mill-verbali li l-proċeduri għall-annullament kienu tħallew pendenti minn dik il-Qorti kif allegat mir-rikorrenti, għaliex jirriżulta li l-proċeduri msemmija baqgħu dejjem stradati sew fejn il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ippreseduta mill-Imħallef Anthony G. Vella saħansitra semgħet hi stess il-provi tal-partijiet b'mod regolari, u fejn spiss ħeġġet kontinwament lill-partijiet sabiex jagħlqu l-provi tagħhom.

**14.** Ir-rikorrenti ssostni li affaċċjata bl-allegazzjoni tagħha ta' stupru fil-konfront tar-raġel tagħha, bil-għan li hija toħroġ tqila u tibqa' miegħu, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) kellha tieħu dan kollu b'serjetà kbira, u tnaqqas kull delungar fil-proċeduri. Iżda hawnhekk din il-Qorti tgħid li l-argument tar-rikorrenti ma jsegwix. It-tnaqqis fid-dewmien tal-proċeduri ma kienx bl-ebda mod ser iħassar dak li seħħ, partikolarment fejn ir-rikorrenti wara li l-proċeduri ta' annullament ntemmu u ġabu fix-xejn iż-żwieġ tagħha, xorta waħda baqgħet affaċċjata bil-fatt li hija ma kellha l-ebda għażla jekk tibqax f'kuntatt o meno

mar-raġel tagħha, għaliex it-tarbija li twieldet sawret rabta bejniethom b'mod jew ieħor għal dejjem.

**15.** Ir-rikorrenti tilmenta wkoll li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma ħadet l-ebda azzjoni fil-konfront tar-raġel tagħha meta dan dam aktar minn sena wara t-terminu mogħti lilu sabiex jippreżenta l-*affidavit* tiegħu. Iżda l-Qorti tosserva li għalkemm ordnata permezz tad-digriet tal-21 ta' Frar, 2012, mogħti minn dik il-Qorti sabiex tippreżenta l-*affidavits* kollha tagħha, ir-rikorrenti damet sena sabiex ottemporat ruħha ma' dak id-digriet. Dan l-aġir tagħha stess ma jistax ma jiġix ikkunsidrat ukoll, u l-Qorti tqis li jxejjen mhux biss l-argument tagħha appena mfisser, iżda anki kull ilment li hija tagħmel dwar in-nuqqas ta' riżorsi allokati lil dawn il-Qrati mill-Istat. Barra minn hekk, l-aġir laxk tagħha stess ma jistax ma jiġix ikkunsidrat li jimmilita serjament kontra l-ilment tagħha dwar dewmien fil-proċeduri.

**Il-proċeduri ta' separazzjoni**

**16.** Kif irrilevat ir-rikorrenti, il-proċeduri ta' separazzjoni dejjem imxew ma' dawk tal-annullament wara li hija ntavolat ir-rikors ġuramentat tagħha fil-5 ta' Mejju, 2012, jiġifieri kważi tliet xhur wara li saru l-proċeduri tal-annullament, u dak ir-rikors ġie appuntat għall-udjenza tas-27 ta' Ġunju, 2012. Bħal fil-każ tar-rikors ġuramentat li permezz tiegħu nfetħu l-proċeduri tal-annullament, ir-rikorrenti ppreżentat elenku konsiderevoli ta' xhieda li hija kient bi ħsiebha tħarrek matul il-proċeduri. L-istess sar min-naħa tar-raġel tagħha li ppreżenta wkoll kontro-talba. Jidher li matul il-proċeduri saru xi tentattivi sabiex jintlaħaq ftehim bonarju bejn il-partjiet, u għalhekk darbtejn il-kawża ġiet differita għal

dan il-għan, iżda t-tentattivi kienu mingħajr suċċess. Sadanittant, fit-18 ta' Mejju, 2012, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) kienet diġa' ħarġet digriet fejn ordnat lill-partijiet sabiex fi żmien tletin jum huma jippreżentaw l-*affidavits* tagħhom u ta' dawk ix-xhieda li setgħu jixhdu b'dan il-mod, flimkien mad-dokumenti relattivi. Madankollu l-ebda parti m'ottemporat ruħha ma' dan id-digriet, fejn l-attriċi saħansitra baqgħet tippreżenta l-*affidavits* tagħha sat-3 ta' Marzu, 2015. Għalhekk ftit jista' jinftiehem l-ilment tar-rikorrenti li l-eżami tar-raġel tagħha u l-kontro-eżami tagħha ttawwlu sena, meta hija stess damet kważi tliet snin sabiex tippreżenta l-*affidavits* tagħha.

**17.** Dwar l-ilment tar-rikorrenti li ż-żewġ kawżi baqgħu jimxu flimkien, u dan fejn ir-raġel tagħha dejjem oppona li jsir mod ieħor, il-Qorti tirrileva li waqt l-udjenza tas-17 ta' Ottubru, 2012, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) kienet ordnat lill-partijiet sabiex jippreżentaw kopja legali tal-provi li tressqu fil-proċeduri tal-annullament, u li kellhom jagħmlu stat ta' fatt fil-proċeduri ta' separazzjoni li kellha quddiemha, u dan bi qbil mal-partijiet. Bl-istess mod il-partijiet qablu quddiem dik il-Qorti waqt l-udjenza tat-23 ta' Jannar, 2013, li x-xhieda tat-tobba, psikjatri, psikoloġi, *social workers,* rappreżentanti tal-Isptar Monte Carmeli u tal-*Alcoholics Anonymous* fi ħdan l-Aġenzija Sedqa, kellhom jiġu esebiti fl-atti wara li jkunu nstemgħu. Imbagħad, iktar minn sitt snin wara li kienu ġew intavolati l-proċeduri, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fit-12 ta' Diċembru, 2017, ġiet infurmata bid-digriet li kien sar mill-istess Qorti, diversament ippreseduta, fil-proċeduri ta' annullament sabiex iż-żewġ kawżi jinstemgħu separatament, u għalhekk ħatret lill-Avukat Greta Mifsud Agius bil-għan li jinġabru l-provi tal-partijiet. L-inkarigu tal-Assistenta Ġudizzjarja madankollu ġie revokat fit-8 ta' Novembru, 2018, fejn il-partijiet ingħataw l-

opportunità li jirregolaw ruħhom, u l-udjenza li nżammet aktar tard fl-istess xahar fit-28 ta' Novembru, 2018, ġiet differita għall-iskop ta' probabbli ċessjoni tal-proċeduri. Fil-5 ta' Marzu, 2019, il-partijiet ippreżentaw rikors konġunt fejn filwaqt li spjegaw li huma kienu laqgħu s-suġġeriment tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), kif diversament ippreseduta, sabiex il-proċeduri ta' separazzjoni jibdew jinstemgħu wkoll minn dik il-Qorti għall-fini ta' speditezza u ekonomija tal-ġudizzju, talbu sabiex il-proċeduri ta' separazzjoni jiġu assenjati lill-Imħallef Anthony G. Vella li kien jippresjedi l-istess Qorti u li kien qed jisma' l-proċeduri tal-annullament. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ippreseduta mill-Imħallef Abigail Lofaro laqgħet it-talba, u b'hekk il-proċeduri bdew jinstemgħu flimkien ma' dawk tal-annullament mill-Imhallef Anthony G. Vella. Waqt l-udjenza tas-16 ta' Ġunju, 2020, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) issolleċitat lill-partijet sabiex *"...jindikaw permezz ta' nota jekk il-kawża numru 30/12 tistax tiġi trattata u deċiża qabel il-kawża l-oħra".* Ir-raġel tar-rikorrenti ppreżenta nota fit-22 ta' Lulju, 2020, fejn stqarr li l-proċeduri għandhom jibqgħu jinstemgħu flimkien għaliex kellhom isiru xi kontro-eżamijiet tax-xhieda tiegħu min-naħa tar-rikorrenti. Ma jidhirx li r-rikorrenti wieġbet għal dan jew ippreżentat nota f'dan ir-rigward. Il-Qorti tosserva li din kienet l-ewwel darba li jirriżultalha li r-raġel tar-rikorrenti oġġezzjona li l-proċeduri għandhom jinstemgħu separatament, u hija ma offriet l-ebda oppożizzjoni għall-oġġezzjoni tiegħu. Għalhekk il-Qorti ma tista' tikkonstata l-ebda "maniġġi" min-naħa tiegħu li setgħu ostakolaw id-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq f'żmien raġonevoli.

**18.** Il-Qorti hawnhekk ukoll ma tistax toqgħod lura milli tikkummenta fuq l-insistenza tar-rikorrenti fuq il-ħtija tal-Istat għad-delungar fil-proċeduri ta' separazzjoni u anki dawk ta' annullament, fejn tikkontendi li dan id-delungar

kien riżultat tal-fatt li l-Istat naqas milli jipprovdi lill-qrati ir-riżorsi opportuni li jassiguraw l-ispeditezza fis-smigħ tal-imsemmija proċeduri. Huwa minnu li dawn il-Qrati m'għandhomx r-riżorsi kollha neċessarji u adegwati sabiex ikunu jistgħu jleħħqu mal-volum ta' kawżi li minn sena għal sena jibqa' jiżdied, u liema kawżi qegħdin jilħqu grad ta' komplessità għoli li jirrikjedi li l-Qrati jiddedikaw iktar ħin għal uħud minnhom. Imma meħud in konsiderazzjoni r-rikorsi bla waqfien tal-partijiet, ftit setgħu jagħtu nifs lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) sabiex din tiffunzjona bl-aħjar mod u talloka l-ħin meħtieġ lill-proċeduri ta' separazzjoni. Ċertament dawk ir-riżorsi ulterjuri li qiegħda tippretendi r-rikorrenti li l-Istat għandu jipprovdi lill-Qrati, m'għandhomx jinħlew b'mod kapriċċuż fuq dawk li l-Imħallef Anthony G. Vella wasal sabiex jiddeskrivi bħala piki eżaġerati bejn il-partijiet.

**19.** Ir-rikorrenti tilmenta wkoll li ġie miksur fil-konfront tagħha d-dritt għall-ħajja privata u familja, għaliex il-proċeduri kienu jirrigwardaw l-i*status* tagħha bħala persuna miżżewġa u l-kura u kustodja ta' binha minuri. L-istess argumenti li hija ressqet fir-rigward tal-allegat ksur tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, hija terġa' tagħmilhom hawnhekk, u għalhekk il-Qorti mhijiex ser terġa' tidħol fil-mertu tagħhom. Iżżid biss għal dak li jirrigwarda l-minuri Miguel Degiorgio, li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) kienet irregolat il-kwistjonijiet tal-kura u tal-kustodja tiegħu sa mill-bidunett u dejjem ikkunsidrat u ddeċidiet ir-rikorsi kontinwi u ferm kombattuti tal-partijiet. Il-Qorti tikkunsidra wkoll li l-aġir tar-rikorrenti u tar-raġel tagħha dwar dawn il-kwistjonijiet ta' kura u kustodja, mhux neċessarjament kien ser ikun wieħed differenti fl-eventwalità li l-proċeduri ma twalux daqshekk, u dan fid-dawl tal-intranżiġenza evidenti tagħhom. Ir-rikorrenti hawnhekk tidħol f'diversi

argumenti dwar l-allegat aġir tal-missier u anki tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), iżda l-Qorti tgħid li l-ġurisdizzjoni tagħha ma testendiex għal dawn il-kwistjonijiet u lanqas għandha sservi bħala Qorti tal-Appell fejn ir-rikorrenti kienet għażlet li tiddekadi mid-dritt tagħha tal-appell mis-sentenzi tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), għaliex ma felħitx tqatta' iktar ħin f'dawn il-Qrati.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat Avukat tal-Istat.**

**L-ispejjeż kollha ta' din il-proċedura għandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**